

## IT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tas-26 ta' Marzu 2015 – CW vs Il-Parlament**

(Kawża F-124/13) <sup>(1)</sup>

*(Servizz pubbliku — Uffiċjali — Rikors għal annullament — Artikolu 12a tar-Regolamenti tal-Persunal — Regoli interni dwar il-Kumitat konsultattiv dwar il-fastidju u l-prevenzjoni tiegħu fil-post tax-xogħol — Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal — Talba għal assistenza — Żbalji manifesti ta' evalwazzjoni — Assenza — Rwol u prerogattivi tal-Kumitat konsultattiv dwar il-fastidju u l-prevenzjoni tiegħu fil-post tax-xogħol — Possibbiltà għall-uffiċjal li jadixxi dan il-kumitat — Rikors għad-danni)*

(2015/C 155/59)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrenti: CW (rappreżentant: C. Bernard-Glanz, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: E. Taneva u M. Dean, aġenti)

### Suġġett tal-kawża

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra li tiċħad it-talba għal assistenza mressqa mir-rikorrenti.

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Il-Parlament Ewropew għandu jbati l-ispejjeż tiegħu u huwa kkundannat ibati nofs l-ispejjeż sostnuti minn CW.
- 3) CW għandha tbat i nofs l-ispejjeż tagħha.

<sup>(1)</sup> ĠU C 52, 22.02.2014, p. 54.

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tat-23 ta' Marzu 2015 – Borghans vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-6/14) <sup>(1)</sup>

*(Servizz pubbliku — Remunerazzjoni — Pensjoni tas-superstiti — L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 27 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal — Konjuġi divorzjat ta' uffiċjal mejjet — Eżistenza ta' pensjoni għall-manteniment fid-data tal-mewt tal-uffiċjal — Artikolu 42 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal — Terminu għall-preżentata ta' talba għall-likwidazzjoni tad-drittijiet għall-pensjoni)*

(2015/C 155/60)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrenti: Julia Borghans (Auderghem, il-Belġju) (rappreżentanti: F. Van der Schueren u C. Lefèvre, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u A.-C. Simon, aġenti)

**Suġġett tal-kawża**

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni li tirrifjuta lir-rikorrenti l-għoti ta' pensjoni tas-superstiti wara l-mewt tal-ex konjuġi tagħha.

**Dispożittiv**

- 1) *Id-deċiżjoni tat-3 ta' Ġunju 2013 li biha l-Kummissjoni Ewropea rrifjutat li tagħti pensjoni tas-superstiti lil J. Borghans hija annullata.*
- 2) *Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbat i-ispejjeż tagħha u hija kkundannata tbat i-ispejjeż ta' J. Borghans.*

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 85, 22.03.2014, p. 28.

---

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tas-26 ta' Marzu 2015 – CN vs Il-Parlament**

**(Kawża F-26/14) <sup>(1)</sup>**

**(Servizz pubbliku — Assistenti parlamentari akkreditati — Talba għal assistenza — Fastidju psikoloġiku)**

(2015/C 155/61)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: CN (rappreżentanti: L. Levi, C. Bernard-Glanz u A. Tymen, avukati)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: M. Ecker u S. Alves, aġenti)

**Suġġett tal-kawża**

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni li tiċħad it-talba għal assistenza mressqa mir-rikorrenti li tirrigwarda fastidju psikoloġiku.

**Dispożittiv**

- 1) *Id-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew li tiċħad impliċitament it-talba għal assistenza ta' CN tat-13 ta' Frar 2013 hija annullata.*
- 2) *Id-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew, tat-18 ta' Diċembru 2013, li tiċħad l-ilment ta' CN tas-26 ta' Awwissu 2013, hija annullata.*
- 3) *Il-Parlament Ewropew huwa kkundannat iħallas lil CN is-somma ta' EUR 48 785,29.*
- 4) *Il-Parlament Ewropew għandu jbat i-ispejjeż rispettivi tiegħu u huwa kkundannat ibati i-ispejjeż sostnuti minn CN.*

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 175, 10.06.2014, p. 56